MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2007

Numru 306/2007

Fl-atti tal-kawza fl- ismijiet:

**Il-Pulizja**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**v.**

**Kevin Mamo**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Generali tal-bierah 5 ta’ Marzu 2007 li permezz tieghu talab, skond ma jipprovdi l-Artikolu 574A(9) tal-Kodici Kriminali, l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri tal-imputat Kevin Mamo wara li dan kien gie mehlus mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati taht id-disposizzjoni tas-subartikolu (6) ta’ l-imsemmi Artikolu 574A;

Rat id-digriet preliminari taghha tal-bierah li permezz tieghu appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-lum; semghet, fl-udjenza tal-lum, kemm lill-Avukat Dott Aaron Bugeja ghar-rikorrent Avukat Generali kif ukoll lill-Avukat Dott. Ian Farrugia ghall-intimat Mamo; semghet bil-gurament lill-Ispettur tal-Pulizija Jesmond Borg; ikkunsidrat:

Kevin Mamo tressaq b’arrest fit-2 ta’ Marzu 2007 quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja – l-indikazzjoni fl-intestatura tal-verbal tat-2 ta’ Marzu 2007 ta’ “Qorti ta’ Gudikatura Kriminali” jidher li hu semplici *lapsus* – akkuzat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 139A, 221 u 222A(1) (bl-aggravanti tal-Artikolu 141) tal-Kodici Kriminali. Ma hemmx kontestatzzjoni li dawn ir-reati igorru piena ta’ prigunerija u li ghalhekk huma “arrestable offences”. Quddiem il-Qorti Inferjuri, fil-kors tal-procedura traccata fl-Artikolu 574A, dik il-Qorti, wara li semghet lill-ufficjal prosekutur (l-istess Spettur Jesmond Borg bil-gurament) deherilha li l-arrest tal-imputat ma kienx gustifikat u ghalhekk illiberatu minghajr kundizzjoni kif provvdut fis-subartikolu (6) tal-imsemmi Artikolu 574A. Jidher mill-verbal kif registrat fl-udjenza tat-2 ta’ Marzu 2007 li dik il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-arrest “mhuwiex gustifikat” ghar-raguni li l-mandat ta’ arrest mahrug fit-12 ta’ Frar 2007 (mill-Magistrat Dott Antonio Micallef Trigona) kien gie ezegwit biss fl-1 ta’ Marzu 2007 “mhux minhabba li l-imputat ma nstabx, izda semplicement ghaliex il-pulizija kellha xoghol iehor x’tattendi” u ghalhekk, dejjem skond dik il-Qorti, “ma kien[x] hemm urgenza f’dan il-kaz”.

Din il-Qorti, wara li semghet, kif inghad, kemm lill-Ispettur Borg bil-gurament kif ukoll lill-abbili difensuri tal-partijiet, hi tal-fehma li il-Qorti Inferjuri applikat b’mod manifestament zbaljat id-dispost tas-subartikolu (6) tal-Artikolu 574A. Apparti li jirrizulta li l-Ispettur <u>ipprova</u> jezegwixxi l-mandat kemm fit-13 kif ukoll fl-14 ta’ Frar 2007 minghajr ezitu pozittiv ghax l-intimat Mamo ma nstabx fir-residenza tal-genituri tieghu (ir-residenza indikata fil-mandat tal-Magistrat hawn aktar ‘l fuq imsemmi), u in segwitu dahallu xoghol iehor li fil-fehma tieghu kien aktar urgenti u ghalhekk irrimanda l-ezekuzzjoni tal-mandat ghall-1 ta’ Marzu, is-subartikolu (6) imsemmi ma hux marbut ma’ xi

kwistjoni ta' urgenza o meno. Din id-disposizzjoni tghid car u tond li huwa biss meta jkun jirrizulta lill-Qorti li d-detenzjoni ulterjuri tal-akkuzat jew imputat **ma tkunx imsejsa fuq xi disposizzjoni tal-Kodici Kriminali jew ta' xi ligi ohra li tawtorizza l-arrest u d-detenzjoni tal-persuna arrestata** li dik il-persuna ghandha tigi mehlusa mill-arrest minghajr kundizzjoni. L-"urgenza" ma ticcentra xejn. Din il-Qorti kellha diversi drabi l-okkazzjoni li tfisser li ufficjal tal-pulizija fil-grad ta' Spettur jew aktar ghandu d-dritt li jarresta persuna proprju biex iressaqha l-Qorti taht arrest, irrispettivament kemm ikunu ilhom ghaddejjin l-investigazzjonijiet, basta li l-iSpettur ikollu suspett ragjonevoli – u jissodisfa lill-Qorti li verament kellu dan is-suspett – li l-persuna hekk arrestata tkun ikommettiet reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija. A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti tirreferi ghas-segwenti digrieti taghha: ***Il-Pulizija v. Odette Micallef et*** 24/11/04, ***Il-Pulizija v. Andrew Kelly et*** 12/5/05, ***Il-Pulizija v. Arnold Farrugia*** 29/7/05, ***Il-Pulizija v. Gamil Abu Bakr*** 4/2/06 u ***Il-Pulizija v. Joslan Brignone*** 7/11/06. Huwa pjuttost inkwjetanti ghal din il-Qorti li tara li donnhom dawn id-decizjonijiet taghha qatt ma gew trasmessi lil, jew ingabu a konjizzjoni ta', il-Qrati Inferjuri.

Ghalhekk hemm lok li t-talba ta' l-Avukat Generali tintlaqa', bla pregudizzju, s'intendi, ghall-possibilita` li l-intimat jinghata l-helsien mill-arrest taht garanzija.

Ghall-motivi premessi, tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tat-2 ta' Marzu 2007 li bih helset mill-arrest lil Kevin Mamo minghajr kondizzjoni, u tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri tal-istess Mamo. Tordna wkoll lir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali, li jinserixxi kopja ta' dan id-digriet fl-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------